MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Numru 1372/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Alan Ciangura**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alan Ciangura detentur tal-karta tal-identita` numru 225066(M).

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Dicemru 2011, ghall-habta tas-1930 hrs gewwa Paceville, San Giljan:
1. Waqt li kien qed jaghmel uzu minn arma tan-nar tal-marka Browning numru ta' serje 73C85398, bil-hsieb li jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Birol Karabulut, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Birol Karabulut biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu meta kien jaf jew seta' haseb li dik l-imgieba kienet ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazzjoni; u

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fuqu arma regolari, jew imitazzjoni ta' arma regolari;
U aktar talli nhar fid-9 ta' Dicembru 2011, u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda:

4. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar tal-ghamla Browning numru ta' serje 73C85398, u/jew munizzjon minghajr ma kellu licenzja;

5. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, wara li akkwista jew giet f'idejh arma tan-nar tal-ghamla Browning numru ta' serje 73C85398, u/jew munizzjon xort'ohra milli ghandu licenzja ghaliha naqas milli jinforma biha lill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala detentur ta' licenzja taht xi disposizzjni tal-Att dwar l-Armi kellu pussess jew garr xi arma tan-nar mhux specifikati f'dik il-licenzja u cioe` pistola tal-marka Browning numru ta' serje 73C85398;

Il-Qorti giet mitluba thassar jew tissospendi l-licenjza mahruga taht l-Att dwar l-Armi u tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi licenzja ghal xi zmien li jidhrilha xieraq u dan kif mahsub f'Artikolu 57 tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-arma tan-nar Browning numru ta' serje 73C85398, bhala arma li ngarret bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Armi u dan kif mahsub fl-Artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta'

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti finalment giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Birol Karabulut kif ukoll ir-residenza tieghu u l-post li tali persuna jiffrekwenta u kif ukoll tordna li kull arma regolari jew arma irregolari, kif imfissra fl-Artikolu 64, jigu depozitati ghand ir-Registratur tal-Qorti u dan bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza kif mahsub fl-Artikolu 412C(8) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb illi huwa hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li gie moghti z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Semghet ix-xhieda tal-parte civie Birol Karabulut.

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 41, 216, 217, 251B(1)(2) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 5(1), 42, 52, 55(a) tal-Kap. 480 qed issib lill-imputat Alan Ciangura hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qeghda tikkudannah prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin.

Inoltre qeghda tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez peritali tal-inkjesta u dan skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ammont ta' seba' mija u

disgha u tletin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€739.21) b'xahrejn zmien sabiex jithallas dan l-ammon. Fin-nuqqas ta' hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi.

Tordna wkoll illi l-licenzja tal-imputat sabiex izomm armi ghandha tigi sospiza ghal zmien sena (1) fejn l-armi esebiti mill-prosekuzzjoni ghandhom jinzammu taht il-kustodja tal-prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-import ta' tali decizjoni u l-konsegwenzi jekk tali decizjoni ma tigix osservata, u tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------